

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12205/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0214 (NLE)

IXIM 166
JAI 1041
ENFOPOL 281
CRIMORG 176
JAIEX 50
AVIATION 122
DATAPROTECT 245
COREE 6

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 383 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 383 final.

Mehmuż: COM(2026) 383 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2026
COM(2026) 383 final

2026/0214 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar
it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni,
l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Din il-proposta tikkonċerna l-iffirmar tal-Ftehim mar-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR, Passenger Name Record) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim").

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali dwar l-infurzar tal-liġi, inkluż dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, huwa essenzjali biex jiġu indirizzati t-theddid mit-terroriżmu u l-kriminalità tranżnazzjonali serja. L-aħħar rapport tal-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA, Serious and Organised Crime Threat Assessment) ippubblikat mill-Europol¹ juri d-dimensjoni internazzjonali tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tal-kriminalità l-aktar serji. Barra minn hekk, l-aħħar Rapport tiegħu tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu (TE-SAT, Terrorism Situation and Trend Report)² jenfasizza mhux biss ir-rabtiet diretti bejn l-ivvjaġġar tranżnazzjonali u l-organizzazzjoni ta' attivitajiet terroristiċi u l-kriminalità serja, iżda wkoll l-importanza li jiġu identifikati, investigati u mħarrka b'mod effettiv reati kriminali serji oħra għall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' reati terroristiċi.

Id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR, passenger name record) hija informazzjoni pprovduta mill-passiġġieri u miġbura mis-sistemi ta' prenotazzjoni u ta' kontroll tat-tluq tat-trasportaturi tal-ajru u miżmuma fihom għall-finijiet kummerċjali tagħhom stess. Il-kontenut tad-data tal-PNR ivarja skont l-informazzjoni mogħtija matul il-proċess tal-prenotazzjoni u taċ-check-in u jista' jinkludi, pereżempju, id-dati tal-ivvjaġġar u l-itinerarju sħiħ tal-ivvjaġġar tal-passiġġier jew tal-grupp ta' passiġġieri li jivvjaġġaw flimkien, id-dettalji ta' kuntatt bħall-indirizz u n-numru tat-telefown, l-informazzjoni dwar il-ħlas, in-numru tal-post u l-informazzjoni dwar il-bagalji.

Il-ġbir u l-analiżi tad-data tal-PNR jistgħu jipprovdu lill-awtoritajiet b'elementi importanti li jippermettulhom jiskopru xejriet ta' vvjaġġar suspettużi u jidentifikaw l-assoċjati tal-kriminali u tat-terroristi, b'mod partikolari dawk li qabel ma kinux magħrufa mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Għaldaqstant, l-ipproċessar tad-data tal-PNR sar għodda tal-infurzar tal-liġi użat b'mod wiesa', fl-UE u lil hinn minnha, biex jinkixfu t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja, bħal reati relatati mad-droga, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tat-tfal, u biex jiġi evitat it-twettiq ta' tali kriminalità. Wera wkoll li jikkostitwixxi sors importanti ta' informazzjoni biex jappoġġa l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet fejn ikunu twettqu tali attivitajiet illegali³.

Fl-2010, l-UE u r-Repubblika tal-Korea aġġornaw ir-relazzjoni usa' tagħhom għal Sħubija Strateġika, ibbażata fuq valuri kondiviżi u interessi komuni. Il-Ftehim Qafas bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea ffirmat f'Mejju 2010 jipprovdi l-bażi għall-kooperazzjoni dwar

¹ [Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata \(SOCTA\) | Europol](#)

² [EU Terrorism Situation & Trend Report \(TE-SAT\) | Europol](#)

³ Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja; COM(2020) 305 final (24.07.2020).

kwistjonijiet politiċi u globali ewlenin. Ir-Repubblika tal-Korea hija sieħba strateġika u tal-istess fehma tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kriminalità transnazzjonali serja oħra. Fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, il-G20 u fora multilaterali oħra, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea jaħdmu flimkien mill-qrib biex itejbu l-oqfsa tas-sigurtà globali kif ukoll biex itejbu s-sigurtà taċ-ċittadini tagħhom.

Fis-17 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ta' adegwatezza fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali mill-UE lir-Repubblika tal-Korea bejn operaturi kummerċjali⁴, li tikkonkludi li r-Repubblika tal-Korea tiżgura livell essenzjalment ekwivalenti ta' protezzjoni għal dak garantit skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)⁵. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji biex l-awtoritajiet pubbliċi Koreani, inkluż dawk tal-infurzar tal-liġi, ikunu jistgħu jaċċessaw data miżmuma minn dawk l-operaturi. Għalkemm il-valutazzjoni tal-adeqwatezza skont din id-deċiżjoni ma tkoprix l-ipproċessar tad-data tal-PNR bħala tali, madankollu din tipprovdi evidenza li l-pedamenti għal salvagwardji essenzjali tal-protezzjoni tad-data diġà jeżistu fil-qafas legali tar-Repubblika tal-Korea u għalhekk għandhom jipprovdu wkoll il-bażi għall-preżentazzjoni tas-salvagwardji korrispondenti meħtieġa fi Ftehim dwar il-PNR, b'mod partikolari, id-drittijiet infurzabbli tas-suġġett tad-data, ir-rimedju ġudizzjarju u s-sorveljanza indipendenti.

Skont il-leġiżlazzjoni tar-Repubblika tal-Korea, it-trasportaturi tal-ajru huma meħtieġa jittrażmettu d-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lit-tieqa unika operata mis-Servizz Doganali Korean (KCS). Din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li ssaħħa is-sigurtà tar-Repubblika tal-Korea billi tikseb data tal-PNR qabel il-wasla jew it-tluq tal-passiġġier u għalhekk ittejjeb b'mod sinifikanti l-abbiltà li twettaq valutazzjoni effiċjenti u effettiva tar-riskju tal-ivvjaġġar tal-passiġġieri minn qabel.

F'dan il-kuntest, ir-Repubblika tal-Korea qasmet ukoll informazzjoni rilevanti kemm fir-rigward tal-ammont ta' titjiriet skedati bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea (madwar 12.000 fl-2024) kif ukoll fir-rigward tal-aderenza tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-Istandards tal-ICAO dwar il-PNR.

Sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tad-data tal-PNR mill-UE lir-Repubblika tal-Korea biex jiġu miġġielda b'mod effettiv it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità transnazzjonali serja, huwa meħtieġ ftehim internazzjonali, li jipprovdi l-bażi legali meħtieġa fil-livell tal-UE. Tali tip ta' ftehim futur għandu jipprovdi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 46(2)(a) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data⁶, inkluża sistema ta' sorveljanza indipendenti. Ftehim futur għandu jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-ħajja privata u familjari, rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust rikonoxxut mill-Artikolu 47 tal-Karta.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/254 tas-17 ta' Diċembru 2021 skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Repubblika tal-Korea taħt l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Infomazzjoni Personali (ĠU L 44, 24.2.2022, p. 1–90).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/679, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

⁶ ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.

Fid-dawl ta' dan, fil-15 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni, li tipproponi li l-Kunsill jawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja⁷. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill ipprova l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-ftuħ tan-negozjati u adotta direttivi ta' negozjati⁸.

L-għan ta' dan il-Ftehim hu li jkun jista' jsir it-trasferiment tad-data tal-PNR mill-Unjoni għar-Repubblika tal-Korea b'rikonossiment tal-hteġa li tintuża d-data tal-PNR bħala għodda essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja.

In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea bdew fis-17 ta' Diċembru 2025. Fl-4 ta' Ġunju 2026, in-negozjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim u b'hekk ikkonkludew formalment in-negozjati. Id-dikjarazzjoni Konġunta skont is-Summit bejn l-UE u l-Korea li sar fl-10 ta' Ġunju 2026 laqgħet il-konklużjoni tan-negozjati u impenjat ruħha li tagħmel l-isforzi kollha meħtieġa biex tiżgura d-dħul fis-seħħ rapidu tagħha.

Il-koleġiżlaturi ġew infurmati matul il-proċess tan-negozjati u kkonsultati fl-istadji kollha tan-negozjati, b'mod partikolari billi rrapportaw lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-Kunsill (IXIM, Working Party on Justice and Home Affairs Information Exchange) u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew (LIBE, Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Fl-Unjoni Ewropea, fl-2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adottaw id-Direttiva (UE) 2016/681 dwar l-użu tad-data tal-PNR għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("id-Direttiva dwar il-PNR")⁹. Din id-Direttiva tirregola t-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tal-PNR fl-Unjoni Ewropea u tistabbilixxi salvagwardji importanti għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali. F'Ġunju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) fis-Sentenza tagħha fil-kawża C-817/19, ikkonfermat il-validità u l-konformità ta' din id-Direttiva mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u mat-Trattati tal-Unjoni¹⁰.

Fir-rigward tal-politika esterna tal-UE dwar il-PNR, il-Kummissjoni waqqfet linji ġenerali ta' politika simili għall-ewwel darba f'Komunikazzjoni tal-2003 dwar l-approċċ¹¹ tal-UE lejn it-trasferimenti tad-data tal-PNR mill-UE lil pajjiżi terzi, li ġew riveduti f'Komunikazzjoni adottata fl-2010¹². Tliet ftehimiet internazzjonali li jkopru t-trasferiment u l-ipproċessar tad-

⁷ COM(2025) 490 final (15.9.2025)

⁸ ĠU L, 2025/2641.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132-149), minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva dwar il-PNR" jew id-"Direttiva (UE) 2016/681".

¹⁰ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-21 ta' Ġunju 2022 "Ligue des droits humains ASBL vs Conseil des ministres", C-817/19, EU:C:2022:491. Is-Sentenza kienet tikkonċerna talba għal deċiżjoni preliminari mill-Cour Constitutionnelle (il-Qorti Kostituzzjonali) tal-Belġju.

¹¹ COM(2003) 826 final (16.12.2003).

¹² COM(2010) 492 final (21.9.2010).

data tal-PNR mill-UE huma attwalment fis-seħħ bejn l-UE u pajjiżi terzi: mal-Awstralja¹³, l-Istati Uniti¹⁴ (2012) u r-Renju Unit¹⁵ (2020). Wara n-negozjati li segwew l-Opinjoni 1/15 tal-QĠUE tas-26 ta' Lulju 2017¹⁶, ġie ffirmat Ftehim ġdid dwar il-PNR mal-Kanada fl-4 ta' Ottubru 2024¹⁷. Ftehimiet ulterjuri PNR ġew iffirmati wkoll man-Norveġja (2025)¹⁸, il-Korea(2025)¹⁹ u l-Iżvizzera (2026)²⁰.

Fil-livell internazzjonali, għadd dejjem jikber ta' pajjiżi terzi bdew jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom biex jiġbru d-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru. Din ix-xejra hija xprunata aktar minn Riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (fl-2017 u fl-2019), li jirrikjedu li l-Istati kollha jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru u jużaw id-data tal-PNR²¹, li abbażi tagħha ġew adottati Standards u Prattiki Rakkomandati (SARPs, Standards and Recommended Practices) dwar il-PNR mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO, International Civil Aviation Organization,) fl-2020, permezz tal-Emenda 28 tal-Anness 9 tal-Konvenzjoni ta' Chicago li saret applikabbli fi Frar 2021²².

Il-pożizzjoni tal-Unjoni, kif stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/121, tilqa' l-SARPs tal-ICAO dwar il-PNR bħala li jistabbilixxu salvagwardji ambizzjużi dwar il-protezzjoni tad-data u b'hekk jippermettu li jsir progress sinifikanti fil-livell internazzjonali. Fl-istess ħin, din id-Deċiżjoni tal-Kunsill qieset, billi talbet lill-Istati Membri jirreġistraw differenza, li r-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (inkluża l-ġurisprudenza rilevanti), huma aktar eżiġenti minn ċerti Standards tal-ICAO, u li t-trasferimenti mill-UE lil pajjiżi terzi jirrikjedu bażi legali li tistabbilixxi regoli u salvagwardji ċari u preċiżi fir-rigward tal-użu tad-data tal-PNR mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz²³.

F'dan il-kuntest, in-negozjar u l-konklużjoni ta' dan il-Ftehim jikkostitwixxu parti minn sforz usa' tal-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi, kif imħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025²⁴, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO dwar il-PNR, u f'konformità mal-liġi u l-ġurisprudenza tal-Unjoni. Approċċ bħal dan intalab ukoll mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021²⁵.

¹³ ĠU L 186, 14.7.2012, p. 4-16.

¹⁴ ĠU L 215, 11.8.2012, p. 5-14.

¹⁵ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 710-735.

¹⁶ EU:C:2017:592.

¹⁷ ĠU L, 2024/2891.

¹⁸ Awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2025, ĠU L, 2025/1964.

¹⁹ Awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2025, ĠU L, 2025/1965.

²⁰ Awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2026, ĠU L, 2026/643.

²¹ UNSCR 2396 (2017): "Il-Kunsill tas-Sigurtà: [...] 12. Jiddeċiedi li l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw, b'segwitu għall-istandards u l-prattiki rakkomandati tal-ICAO, id-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) u jiżguraw li d-data tal-PNR tintuża mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha tagħhom u tiġi kondiviża magħhom, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għall-fini tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u l-ivvjaġġar relatat, [...]". Ara wkoll l-UNSCR 2482 (2019).

²² L-Anness 9, il-Kapitolu 9, it-Taqsim D tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

²³ ĠU L 37, 3.2.2021, p. 6-9.

²⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 final (24.7.2020): [...] bħala azzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni se tniedi rieżami tal-approċċ attwali dwar it-trasferiment ta' data tal-PNR lejn pajjiżi terzi."

²⁵ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2021 dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Isimijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti, għall-fini tal-ġlieda kontra t-

B'dan, il-Kummissjoni tfittex ukoll li twieġeb għal sejħiet minn trasportaturi tal-ajru biex tiżgura aktar ċarezza legali u prevedibbiltà dwar it-trasferimenti tal-PNR lil pajjiżi terzi.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi legali proċedurali

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fejn il-ftehim għandu x'jaqsam ma' materji barra l-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim.

Skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, meta l-ftehim ma jkunx relatat esklużivament mal-PESK, il-Kunsill jista' jieħu d-deċiżjoni li jikkonkludi l-ftehim biss wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE), jew wara li jikkonsultah (l-Artikolu 218(6)(b) tat-TFUE).

Minħabba l-bażi legali sostantiva, il-Kunsill jista' jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim wara li jkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni l-ftehim hija l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-TFUE.

• Bażi legali sostantiva

Il-proposta għandha żewġ għanijiet u komponenti ewlenin, wieħed relatat mal-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika permezz tat-trasferiment tad-data tal-PNR lir-Repubblika tal-Korea u l-ieħor dwar il-protezzjoni tal-privatezza u drittijiet u libertajiet fundamentali oħra tal-individwi. B'hekk, il-bażi legali sostantiva hija l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

• Proporzjonalità

L-oġġettivi tal-Unjoni fir-rigward ta' din il-proposta kif stabbiliti hawn fuq jistgħu jintlaħqu biss billi tiġi stabbilita bażi legali valida fil-livell tal-Unjoni biex jiġi żgurat li tingħata protezzjoni xierqa tad-drittijiet fundamentali lit-trasferimenti ta' data personali mill-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim huma limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ewlenin tiegħu u jinstab bilanċ ġust bejn l-oġġettiv leġittimu li tinżamm is-sigurtà pubblika u d-dritt ta' kull persuna għat-tgawdija tal-protezzjoni tad-data personali u l-ħajja privata.

• Għażla tal-istrument

Din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill hija ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 6 tal-Artikolu 218 tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. Ma jeżisti ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġġettiv espress f'din il-proposta.

terroriżmu u l-kriminalità serja, Dokument tal-Kunsill 9605/21 tat-8 ta' Ġunju 2021: "Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi għall-fini tal-għieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO, u f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni."

Is-salvagwardji xierqa meħtieġa għall-ipproċessar speċifiku tad-data tal-PNR riċevuta mir-Repubblika tal-Korea mingħand it-trasportaturi bl-ajru fuq titjiriet operati minn trasportaturi bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Korea jridu jiġu stabbiliti permezz ta' bażi legali valida skont il-liġi tal-UE. Dan il-Ftehim jikkostitwixxi tali bażi legali li tippermetti t-trasferimenti tad-data tal-PNR.

- **Drittijiet fundamentali**

L-iskambju ta' data tal-PNR u l-ipproċessar tagħha mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Madankollu, tali interferenza hija ġġustifikata wkoll minħabba li l-Ftehim għandu objettivi leġittimi, jiġifieri l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja. Il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa tal-protezzjoni tad-data fejn tidħol id-data personali trasferita u pproċessata, f'konformità mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 47 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemm l-ebda implikazzjoni baġitarja fuq il-baġit tal-Unjoni.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Ftehim, f'allinjament sħiħ mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u d-direttivi ta' negozjati, jipprevedi l-bażi legali, il-kundizzjonijiet u s-salvagwardji għat-trasferiment lir-Repubblika tal-Korea u l-ipproċessar minnha tad-data tal-PNR riċevuta mit-trasportaturi tal-ajru mill-Unjoni:

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-Ftehim.

L-Artikolu 2 jinkludi definizzjonijiet ewlenin tal-Ftehim, inter alia tal-“Awtorità Kompetenti Koreani” bħala l-awtorità kompetenti maħtura responsabbli għall-ipproċessar tad-data tal-PNR u tat-termini “kriminalità serja” u “terroriżmu”, f'konformità ma' kif dawn il-kunċetti ġew definiti fi strumenti legali rilevanti oħra tal-UE.

L-Artikolu 3 jirregola l-metodu u l-frekwenza tat-trasferimenti tad-data tal-PNR mil-linji tal-ajru lill-Awtorità Kompetenti Koreana bl-għan li jiġi żgurat li t-trasferimenti tad-data tal-PNR jinżammu għall-minimu meħtieġ u jkunu proporzjonati għall-fini speċifikata fil-Ftehim.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-limitazzjoni tal-iskop – jiġifieri l-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja – b'mod eżawrjenti għall-ipproċessar kollu tal-PNR kopert mill-Ftehim.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi t-tliet modalitajiet speċifiċi għall-ipproċessar tad-data tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim mill-Awtorità Kompetenti Koreana.

L-Artikolu 6 jipprevedi salvagwardji addizzjonali għat-twettiq ta' “valutazzjoni f'ħin reali” u jillimita l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR.

L-Artikolu 7 jipprevedi projbizzjoni tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data tal-PNR f'konformità ma' kif dan il-kunċett ġie definit fl-acquis tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

L-Artikolu 8 jipprevedi livell għoli ta' sigurtà tad-data tal-PNR riċevuta skont il-Ftehim u jiżgura notifiċi tal-ksur tas-sigurtà tad-data lill-awtorità superviżorja Koreana maħtura.

L-Artikolu 9 jipprevedi ż-żamma ta' reġistri u dokumentazzjoni tal-ipproċessar kollu tal-PNR.

Artikolu 10 jistabbilixxi l-perjodu massimu ta' żamma ta' 5 snin, li se jiġi kkombinat ma' rekwiżit li titħassar id-data wara d-data tat-tluq tal-passiġġieri, sakemm valutazzjoni tar-riskju ma tindikax li hemm konnessjoni bbażata fuq elementi oġġettivi li minnhom jista' jiġi dedott li d-data tal-PNR tista' tagħti kontribut effettiv biex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-Ftehim, flimkien mar-rekwiżit li r-Repubblika tal-Korea tirrieżamina l-valutazzjoni tagħha kull sentejn u tinnotifika lill-Unjoni bir-riżultati ta' din il-valutazzjoni.

L-Artikolu 11 jirrikjedi lill-Awtorità Kompetenti Koreana biex tiddepersonalizza d-data tal-PNR mhux aktar tard minn 6 xhur wara.

L-Artikolu 12 jinkludi regoli u kundizzjonijiet għad-divulgazzjoni tad-data PNR fi ħdan ir-Repubblika tal-Korea, pereż. billi tali divulgazzjonijiet ikunu limitati għall-awtoritajiet b'funzjonijiet relatati mal-finijiet tal-Ftehim u billi tintalab approvazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew korp indipendenti ieħor għal tali divulgazzjonijiet.

L-Artikolu 13 jinkludi regoli u kundizzjonijiet għad-divulgazzjoni tad-data tal-PNR barra mir-Repubblika tal-Korea u l-UE, pereż. billi tali divulgazzjonijiet ikunu limitati għall-pajjiżi terzi li magħhom l-UE kkonkludiet ftehim komparabbli jew li l-UE adottat deċiżjoni ta' adegwatezza rilevanti għalihom u billi tintalab approvazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew korp indipendenti ieħor għal tali divulgazzjonijiet.

L-Artikolu 14 irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja permezz tal-iskambju tad-data tal-PNR jew tar-riżultati tal-ipproċessar tad-data tal-PNR, bejn l-Awtorità Kompetenti Koreana u l-PIUs tal-Istati Membri tal-Unjoni, kif ukoll bejn l-Awtorità Kompetenti Koreanam minn naħa waħda, u l-Europol jew il-Eurojust fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, min-naħa l-oħra.

L-Artikolu 15 jirrikjedi li r-Repubblika tal-Korea taħtar awtorità meħtieġa biex tissorvelja l-ipproċessar tal-PNR fil-Korea.

L-Artikolu 16 jinkludi obbligi ta' trasparenza u ta' informazzjoni, inkluż rekwiżit biex l-individwi jiġu nnotifikati dwar id-divulgazzjoni tad-data tal-PNR tagħhom.

L-Artikolu 17 jipprevedi li l-individwi jista' jkollhom aċċess (biss) għad-data tal-PNR tagħhom stess.

L-Artikolu 18 jipprevedi li d-dritt tal-individwi għal korrezzjoni, rimedju u informazzjoni jrid jiġi żgurat.

L-Artikolu 19 jipprevedi li l-individwi għandhom jingħataw rimedju amministrattiv u ġudizzjarju effettiv.

L-Artikolu 20 jipprevedi l-obbligi tar-Repubblika tal-Korea li tinnotifika lill-Unjoni bl-informazzjoni rilevanti dwar l-awtoritajiet involuti fl-ipproċessar tal-PNR, u li l-Unjoni tagħmel tali informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

L-Artikolu 21 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

L-Artikolu 22 jipprevedi s-soluzzjoni tat-tilwim u l-mekkaniżmi ta' sospensjoni.

L-Artikolu 23 jipprevedi l-possibbiltà għal kull Parti li tittermina l-Ftehim fi kwalunkwe ħin.

L-Artikolu 24 jipprevedi l-emendi tal-Ftehim.

L-Artikolu 25 jipprevedi l-evalwazzjoni konġunta tal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

L-Artikolu 24 fih klawżola rigward l-applikazzjoni territorjali tal-Ftehim.

- **Test tal-Ftehim u n-notifiki**

It-test tal-Ftehim huwa ppreżentat lill-Kunsill flimkien ma' din il-proposta.

F'konformità mat-Trattati, sta għall-Kummissjoni li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, li tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 21(2) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2), u l-Artikolu 87(2), il-punt (a) flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ¹, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja ("il-Ftehim) ġie ffirmat fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) Il-Ftehim jippermetti t-trasferiment tad-data tal-PNR mit-trasportaturi tal-ajru mill-Unjoni lir-Repubblika tal-Korea b'rispett sħiħ tad-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni, partikolarment id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta. B'mod partikolari, il-Ftehim jinkludi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni ta' data personali trasferita skont il-Ftehim.
- (3) Il-Ftehim irawwem il-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja bejn l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Korea u dawk tal-Istati Membri tal-Unjoni kif ukoll l-Europol u l-Eurojust biex jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.
- (4) Il-Ftehim għandu jippermetti t-trasferiment tad-data tal-PNR mill-Unjoni għar-Repubblika tal-Korea b'rikonoxximent tal-ħtieġa li tintuża d-data tal-PNR bħala għodda essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità serja.
- (5) Il-konklużjoni ta' dan il-Ftehim tiffirma parti minn sforz usa' tal-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi, kif imħabbar fl-Istrateġija tal-Unjoni tas-Sigurtà 2020-2025 ², filwaqt li

¹ [ĠU...]

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà, COM(2020)605 final (24.7.2020): bħala azzjoni ta' nofs it-terminu, il-Kummissjoni se tniedi rieżami tal-approċċ attwali dwar it-trasferiment ta' data tal-PNR lejn pajjiżi terzi.”.

tibni fuq l-Istandards tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fuq il-Prattiki Rakkomandati (SARPs) dwar il-PNR, u f'konformità mal-liġi u l-ġurisprudenza tal-Unjoni. Approċċ bħal dan intalab ukoll mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2021³.

- (6) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.] JEW [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat [, permezz ta' ittra ta' ...,] ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.].
- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-Opinjoni [xxx] tiegħu fi [xx.xx.xxxx].
- (9) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja huwa b'dan approvat⁴.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha⁵.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

³ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2021 dwar it-trasferiment ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) lil pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Awstralja u l-Istati Uniti, għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, Dokument tal-Kunsill 9605/21 tat-8 ta' Ġunju 2021: "*Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi approċċ konsistenti u effettiv rigward it-trasferiment tad-data tal-PNR lil pajjiżi terzi għall-fini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja, filwaqt li tibni fuq is-SARPs tal-ICAO, u f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.*"

⁴ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi [ĠU...].

⁵ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.